MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### ANNA FELICE

Seduta tat-12 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 11/2015

**Av. Larry Gauci bhala mandatarju specjali tas-socjetà estera Glander International Bunkering, Inc. (Nr. Reg. C236-1967) registrata gewwa l-istat ta’ Nevada, fl-Istati Uniti**

**vs**

**Skagen Shipping Limited (C22480)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' l-Avukat Dott. Larry J. Gauci bhala mandatarju specjali tas-socjetà estera Glander International Bunkering, Inc. li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Jiena gejt debitament awtorizzat u appuntat bhala mandatarju specjali tas-socjetà rikorrenti ai termini ta' prokura specjali datata 12 ta' Dicembru 2014.

Fis-17 ta' Mejju 2014 ir-rikorrenti nomine bieghet u debitament ikkonsenjat lis-socjetà intimata, fuq ordni ta' Ahilleos Shipmanagement Limited bhala agent ghan-nom tas-socjetà intimata, 180MT ta' fuel oil ghall-prezz ta' mija u hdax-il elf disgha mija u tmienja u sebghin il-Dollaru Amerikan u erbgha centezmu u 40MT ta' Gas Oil ghall-prezz ta' disgha u tletin elf mitejn u sbatax-il Dollaru Amerikan u erbgha u sittin centezmu kif ukoll agency fee ta' elfejn u hames mija Dollaru Amerikan li flimkien jammontaw ghal mija u tlieta u hamsin elf sitt mija u hamsa u disghin Dollaru Amerikan u tmienja u sittin centezmu (USD 153,695.68) ekwivalenti f'Ewro skont rata tal-kambju tal-11 ta' Dicembru 2014 ghas-somma ta' mija tlieta u ghoxrin elf disgha mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (Ewro 123,988.12) (Kopja tal-Order Confirmation u tal-bunker deliver note (BDN) hawn annessi u mmarkati bhala Dok. LG1 u Dok. LG2).

Din il-kwantità ta' fuel oil u gas oil gew suppliti lill-bastiment MV Skagen (IMO Nr. 9537472), proprjetà tas-socjetà intimata, gewwa port f'Cueta, Spanja u gew accettati mill-istess bastiment u qatt sar xi tentattiv da parti tal-bastiment jew is-sidien tieghu sabiex jirrifjutaw il-prodotti mibjugha mis-socjetà

rikorrenti u kkonsenjati tramite s-socjetà, Oil Marketing and Trading International (Europe) S.A.

Ghalhekk is-socjetà intimata ghandha thallas lir-rikorrenti nomine s-somma ta’ mija tlieta u hamsin elf sitt mija u hamsa u disghin Dollaru Amerikan u tmienja u sittin centezmu (USD 153,695.68) ekwivalenti f’Ewro ghas-somma ta’ mija tlieta u ghoxrin elf disgha mija tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (Ewro 123,988.12) (Kopja ta’ Dikjarazzjoni ta’ kreditu dovut hawn annessa u mmarkata bhala Dok. LG3 kif ukoll kopja ta’ fattura Nr. GIB0514167 hawn annessa u mmarkata bhala Dok. LG4).

Inoltre r-rikorrenti nomine ghandu jithallas wkoll is-somma ta’ hmistax-il elf sebgha mija u disgha u sebghin Dollaru Amerikan u tnejn u erbghin centezmu (USD 15,779.42) ekwivalenti f’Ewro ghal tnax-il elf sebgha mija u tmienja u tletin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (Ewro 15,779.42) rapprezentanti l-interessi sat-2 ta’ Dicembru, 2014 fuq l-ammont tal-fattura mhux saldata (kopja ta’ interest note Nr. IF1012) hawn annessa u mmarkata bhala Dok. LG5).

Ghalhekk ir-rikorrenti nomine ghandu jithallas minghand is-socjetà intimata s-somma globali ta’ mija disgha u sittin elf erbgha mija u hamsa u sebghin Dollaru Amerikan u ghaxar centezmi (USD 169,475.10) ekwivalenti f’Ewro ghal mija sitta u tletin elf sebgha mija u sebgha u sebghin Ewro (Ewro 136,727.00), inoltre imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Il-pagament tal-fattura surreferita kellu jsir sal-1 ta’ Lulju 2014, izda minkejja li s-socjetà intimata giet interpellata diversi

drabi sabiex thallas l-imsemmi ammont, din baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Is-socjetà rikorrenti arrestat lill-bastiment MV Skagen, proprjetà tas-socjetà intimata, taht ordni tal-Qorti Bulgara gewwa l-port ta' Varna, fil-Bulgarija.

L-ammont dovut favur r-rikorrenti nomine huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-istess rikorrenti nomine jikkonkorru l-elementi kollha taht l-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), peress li fil-fehma tas-socjetà rikorrenti s-socjetà intimata m'ghandha l-ebda eccezzjoni valida skond il-ligi xi tressaq kontra t-talbiet tar-rikorrenti nomine.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (kapitolu 12 tal-Ligjiet ta' Malta).

2. Tiddikjara lis-socjetà intimata ghandha thallas lir-rikorrenti nomine s-somma globali ta' mija disgha u sittin elf erbgha mija u hamsa u sebghin Dollaru Amerikan u ghaxar centezmi (USD 169,475.10) ekwivalenti f'Ewro ghal mija sitta u tletin elf sebgha mija u sebgha u sebghin Ewro (Ewro 136,727.00) rapprezentanti l-prezz tal-bejgh tal-fuel oil u gas oil kif ukoll l-interessi skond interest note Nr. IF1012, oltre imghaxijiet kummercjali ulterjuri mit-2 ta' Dicembru 2014 sad-data tal-pagamenti effettiv tas-somma kollha.

3. Tikkundanna lis-socjetà intimata thallas lir-rikorrenti nomine s-somma globali ta’ mija disgha u sittin elf erbgha mija u hamsa u sebghin Dollaru Amerikan u ghaxar centezmi (USD 169,475.10) ekwivalenti f’Ewro ghall-mija sitta u tletin elf sebgha mija u sebgha u sebghin Ewro (Ewro 136,727.00) rapprezentatni l-prezz tal-bejgh tal-fuel oil u gas oil kif ukoll l-interessi skond itnerest note Nr. IF1012, u dana oltre l-imghaxijiet kummerhcali ulterjuri mit-2 ta’ Dicembru 2014 sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-30 ta’ Dicembru 2014, bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-istess socjetà intimata, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li minkejja deher id-difensur ghan-nom tas-socjetà intimata ma ngabet lill-Qorti ebda raguni li twassalha tawtorizza lill-istess socjetà intimata tikkontesta l-kawza.

Rat li l-kawza giet posposta ghas-sentenza

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba; tilqa’ t-tieni talba kif dedotta; tilqa’ t-tielet talba kif dedotta.

Bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Skagen Shipping Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------